# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru,2000**

**Numru**

**Avviz. numru 40/00mm**

**Carmen u Joseph Cardona**

**vs**

**Mario Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-13 ta' Jannar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma Lm297.85 (mitejn u seba' u disghin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu),jew kull somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti,rappresentanti danni li sofrew fil-vettura taghhom Yugo numru FAS 158 meta, fl-4 ta' Mejju1999 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza Maruti numru FAG 628 fi Triq il-Wied, Hal Qormi, baqa' jkaxxkar minn fuq 'stop sign' u baqa' diehel fil-vettura fuq imsemmija misjuqa minn Carmen Cardona, liema incident sehh unikament tort tal-imperizja, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-27 ta' Ottubru, 1999, u tat-18 ta' Novembru 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli l-istess attrici stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku li gara Hal Qormi fit-Triq San Pietru kantuniera ma' Triq il-Wied fl-4 ta' Mejju1999 ghal habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija bejn il-karozza Yugo FAS 158 misjuqa minn Carmen Cardona u l-karozza Maruti FAG 628 misjuqa mill-konvenut Mario Mifsud. Irrizulta li dan l-incident gara ezatt fuq 'Stop Signs' illi hemm fil-kantunieri bejn Triq San Pietru u Triq il-Wied.

L-attrici Carmen Cardona xehdet illi hija waqfet fuq l-'stop sign' sabiex tesplora t-triq u riedet tipprocedi fit-triq taghha ghal Mill Street. Waqt li kienet hekk wieqfa tesplora t-triq gie l-konvenut minn fuq in-naha tal-lemin u baqa diehel fuqha, kkawzalha hsarat fuq l-'mudguard' ta' quddiem tal-lemin.

Il-konvenut minn naha l-ohra jghid illi huwa kien qed isuq fit-Triq il-Wied Hal Qormi u ried jaqsam St Peter's Street biex imur ghal St Francis Street. Waqt li kien qed javvicina l-'stop sign' huwa kien qed ihares lejn il-lemin tieghu go Mill Street u ma ndunax illi fuq ix-xellug tieghu kien hemm il-karozza ta' l-attrici. Minnkejja li huwa kien ghadu wara l-'stop sign' huwa xorta halla l-karozza miexja l'quddiem waqt li huwa kien qed ihares lejn il-lemin u ghalhekk ma ndunax li quddiemu kien hemm il-karozza tal-attrici u baqa' diehel fiha. Irrizulta wkoll illi l-karozza ta' l-attrici sofriet taghtina fuq il-'mudguard tal-lemin'. Dina kienet tindika li kienet il-karozza tal-konvenut li baqghet diehla fuq il-karozza ta' l-attrici u mhux vice versa. Il-Qorti ezaminat sew id-deposizzjonijiet tas-sewwieqa nvoluti f'dan l-incident kid ukoll l-sketch u l-okkorrenza li pprepara s-surgent li nvestiga l-kaz. Jibda biex jinghad li s-surgent ghamel enfazi hafna fuq dak illi qallu l-konvenut meta avvicina l-'stop sign' dana ghafas l-brake, izda kien hemm xi zrar u l-karozza baqghet titkaxkar fuq il-karozza ta' l-attrici, mentri fix-xhieda tieghu li ta f'dawn l-atti l-konvenut innega illi huwa ghamel dan u qal biss illi huwa ma ndunax bil-presenza tal-karozza tal-attrici quddiemu waqt li huwa kien qed ihares lejn il-lemin. Qal ukoll illi l-posizzjoni tal-karozza ta' l-attrici kienet irregolari peress illi kienet quddiem l-'stop sign' u mhux warajha.

Minn naha l-ohra l-attrici tghid illi ma taqbilx mal-posizzjonijiet tal-karozzi kif jidhru f'dan l-isketch peress illi l-karozza taghha hija ferm aktar lura milli fil-fatt jindika fl-isketch u tghid illi l-kelma 'STOP' impengija fl-art kienet fil-fatt taht il-karozza u mhux quddiemha.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi z-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident ghandhom x'iwiegbu ghar-responsabbilta' taghha. L-attrici tidher illi waqfet quddiem l-'stop sign' u mhux waqt li kienet hierga minn Triq San Pietru. Anke jekk kif qalet hi l-karozza taghha kienet fuq il-kelma 'STOP' u mhux quddiemha, xorta tfisser illi l-karozza taghha kienet f'posizzjoni rregolari. Il-kelma 'STOP' tfisser illi sewwieq ghandu jieqaf qabel dik il-kelma u mhux wara jew fuqha. Ma hemmx dubbju illi l-konfigurazzjoni tat-triq u l-linji li hemm ma' l-art m' humiex felici u jistghu jizgwidaw lis-sewwieqa, imma dana jfisser illi dawn is-sewwieqa ghandhom joqghudu ferm aktar attenti meta jigu f'kantuniera bhal din. Hemmhekk ghandek 'blind corner' fejn min ikun hiereg minn Triq San Pietru ma jistax jara l-karozzi li jkunu hergin minn Triq il-Wied u vice versa u ghalhekk iridu joqghodu ferm u ferm attenti. Is-sinjali jridu jigu osservati bla ebda skrupli u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attrici Carmen Cardona ma kienetx prudenti meta hija waqfet fuq l-'stop sign' jew addirittura quddiemha biex b'hekk ostakolat il-passagg ta' vetturi ohra li suppost kellhom jieqfu fit-tarf ta' Triq il-Wied. Minn nahha l-ohra l-konvenut ighid 'ex admissis' illi waqt

li kien qed javvicina dan l-'stop sign' minkejja li kien ghadu warajha kien qed ihares biss lejn il-lemin lejn Mill Street u ma ndunax bil-presenza tal-karozza l-ohra quddiemu. Ma hemmx dubbju illi dan ukoll huwa nuqqas peress illi sewwieq ma ghandu qatt ihares f'direzzjoni waqt li l-karozza miexja f'direzzjoni ohra.

Din il-Qorti kellha okkazzjoni tippronuncja ruhha fuq dan il-punt diversi drabi u dejjem qalet illi fit-toroq affollati ta' pajjizna ma jistax illi jkun hemm mument ta' aljenazzjoni meta sewwieq qed ihares banda u l-karozza qed timxi direzzjoni ohra. Sewwieq irid joqghod dejjem attent ghal dak kollu li qed jigri madwaru specjalment u aktar importanti t-triq quddiemu peress illi hija proprju f'dik id-direzzjoni illi l-karozza tieghu tkun miexja. F'dan il-kaz il-konvenut ma ghamlux u minkejja li kien ghadu wara l-'stop sign' xorta kien jinkombi fuqu l-obbligu illi josserva t-triq quddiemu u jara dak illi huwa 'in plain view'. Minkejja li l-karozza ta' l-attrici kienet f'posizzjoni rregolari l-konvenut messu nduna b'din il-karozza ferm aktar qabel li kieku zamm ghajnejh fuq it-triq u ra dak illi kellu jara u mhux ihares band' ohra waqt illi jhalli skopert direzzjoni ohra. In-nuqqas ta' l-attrici pero' huwa daqstant serju peress illi ma jidhirx illi tat kaz partikolari ghas-sinjali illi hemm miktubin ma' l-art. Minnkejja illi dina kkontestat il-posizzjoni tal-karozza taghha kif murija fit-triq xorta jibqa' l-fatt illi anke mix-xhieda taghha dina tidher illi dina marret oltre dak is-sinjal 'stop' illi kien hemm ma' l-art u wieqfa jew le poggiet il-karozza taghha f'posizzjoni ta' ostakolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Bhal ma diga nghad dik il-kantuniera hija wahda perikoluza hafna u ghalhekk kien jinkombi fuq iz-zewg

sewwieqa li joqghodu ferm u ferm attenti. L-attrici se mai messa zammet ferm aktar lejn ix-xellug milli fil-fatt jidher fuq dan l-isketch u minkejja l-oggezzjonijiet taghha l-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex toqghod ghall-istess sketch li pprepara s-surgent dak il-hin tal-incident li turi l-karozza ta' l-attrici f'posizzjoni mhux regolari.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandhom iwiegbu z-zewg sewwieqa fi kwoti ugwali bejniethom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' mija tmienja u erbghin liri maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm148.92c) rappresentanti danni li sofrew fil-vettura taghhom Yugo numru FAS 158 meta fl-4 ta' Mejju 1999 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza Maruti numru FAG 628 fi Triq il-Wied Hal Qormi baqa' diehel fuq il-vettura ta' l-atturi u kkagunalha d-danni msemmija. Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u cioe' mit-13 ta' Jannar 2000.